KUNSILL LOKALI TAL-IMSIDA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida**

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 23

**It-Tlieta 9 ta' Diċembru 2025**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Pjazza Menqa fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi – Sindku
Christine Amaira – Viċi Sindku
Margaret Baldacchino Cefai – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop – Kunsillier
Alfred Farrugia – Kunsillier
Christopher Borg – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Jean-Claude Borg – Kunsillier
Andrew Mallia – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv (SE)

# Minuti

## 23.1 Qari tal-Apoloġiji

23.1.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier JC Borg minħabba li jinsab marid kif ukoll mingħand il-Kunsillier Mallia li kellu taħriġ l-Università.

23.1.2 Hija infurmat ukoll li hekk kif mitluba, infurmat lis-Sur Ryan Mercieca Cefai li l-laqgħa ta' Diċembru kienet se tinqabeż.

## 23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 22

23.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) skużat ruħha u infurmat li ma laħqitx lestiet il-minuti tal-laqgħa preċedenti biex jiġu approvati. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 23.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

23.3.1 Is-Sindku informa li m'għandux komunikazzjonijiet.

## 23.4 Żjara f'Sardegna

23.4.1 Is-Sindku qal li ż-żjara ġewwa Sardegna kienet waħda pożittiva b'parteċipazzjoni ta' diversi entitajiet li taw kontribut biex it-Taljani jifhmu aħjar x'toffri l-lokalità tagħna.

23.4.2 Huwa informa li bagħat ringrazzjament lil kull min ipparteċipa għax kulħadd ta *performance* tajba ħafna.

23.4.3 Il-Kunsillier Baldacchino Cefai qalet li bħala lokalità hija pjuttost żgħira u kwieta iżda li l-kumpanija tal-grupp sħiħ kienet waħda tajba hafna. Hija infurmat li l-GSL kien bagħat jirringrazzja lill-Kunsill ukoll.

23.4.4 Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil unanimu li ghal Jum l-Imsida għandna nistiednu lil dawn il-performers kollha biex jagħtu performance quddiem ir-residenti u ntuhom rikonoxximent bħala ringrazzjament.

23.4.5 Is-SE staqsiet lill-Kunsill jekk jaqbilx li jitħallsu l-€1000 għal tisbiħ fil-Focus Europe. Min-naħa tal-Kunsill qablu li għandna nissieħbu.

23.4.6 Il-Kunsillier Chircop informa li min-naħa kien aħjar li l-banda ma setgħetx tattendi għaliex ma kellhiex post adegwat fejn tesebixxi ruhha.

## 23.5 Il-pont pedonali propost minn IM għall-Imsida Creek

23.5.1 Is-Sindku informa li kien bagħat kommunikazzjoni lis-Segretarja tal-Ministru Bonett u ġiet ikkonfermata l-laqgħa għall-15 ta' Diċembru fil-5:30pm fis-Sala tal-kunsill.

23.5.2 Is-Sindku informa li hemm bżonn li bħala Kunsill sħiħ issir diskussjoni dwar il-proposta tal-Gvern għall-kostruzzjoni tal-pont pedonali. Huwa ġibed l-attenzjoni li minbarra l-problema estetika huwa jinsab konċernat ukoll dwar kif u kemm se jagħmlu użu minnu l-anzjani għaliex uħud minnhom jibżgħu jużaw il-lift.

23.5.3 Huwa kompla jgħid li l-Kunsill Lokali tal-Pietà kienu ddiskutew din il-materja u kien hemm qbil unanimu kontra l-kostruzzjoni tal-pont pedonali. Kellhom jiktbu wkoll lil IM u ssuġġerew li minflok isiru intelligent traffic lights. It-traffic lights ukoll setgħu jgħinu biex jislowjaw it-traffiku.

23.5.4 Hawnhekk huwa talab lill-Kunsilliera preżenti biex jgħaddu l-kummenti tagħhom.

23.5.5 Il-Viċi Sindku qalet li jekk il-Kunsill jaċċetta ifisser li bħala Kunsill qed nagħtu priorità lill-karozzi u fakkret li bħala lokalità għandna l-ewwel nagħtu l-priorità lir-resident.

23.5.6 Il-Kunsillier Baldacchino Cefai qalet li jekk estetikament ma jkunx ikrah mhux kontra li jsir il-pont pedonali imma tibża' li l-anzjani ma jkunux jistgħu jużawh b'mod speċjali jekk ma jaħdimx.

23.5.7 Il-Kunsillier Chircop qal li ma jaħsibx li l-pont huwa loku li jsir u qal li fil-maġġorparti tar-residenti mhux jaqblu ma' dan il-pont.

23.5.8 Is-Sindku semma' li hemm Kunsillier ieħor li mhux preżenti li kien infurmah li huwa wkoll kien kontra.

23.5.9 Wara diskussjoni qasira il-Kunsill qabel li bħala Kunsill sħiħ huwa kontra l-kostruzzjoni tal-pont prinċiparjament minħabba li l-maġġoranza tar-residenti se jkunu ristretti meta l-lift jieqaf (speċjalment għax hemm statistika li xi 70% minnhom mhux dejjem ikunu funzjonabbli), filwaqt li 6 membri minn 7 qablu wkoll li huma kontra anke minħabba l-estetika - il-Kunsillier Baldacchino Cefai iddikjarat li ma taqbilx ma' din l-aħħar raġuni.

23.5.10 Is-Sindku fakkar li waqt l-aħħar laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Ministru Bonett, dan kien informa li kienu qed jippruvaw jaraw kif jistgħu jdaħħlu *hair-pin turn* viċin tal-BOV sabiex ikun hemm aċċessibbilità aħjar biex wieħed jaqsam min-naħa għall-oħra tal-pjazza tagħna, minflok li bilfors irid imur il-Pietà. Huwa qal ukoll li waqt il-laqgħa li kellu mas-Sur Ellul riċentament dan kien qallu li minħabba li l-proġett issa huwa diġà għaddej ġmielu, l-unika alternattiva kienet li jiċċekken il-ġnien tal-Pietà biex issir rawndebawt. Bħala Kunsill iżda ma jħossx li għandna ninsistu fuqha ladarba ma ħasbux f'din il-problema qabel għaliex lanqas hu sew li jitqaċċtu daqstant siġar biex jakkomodaw rawndebawt ġdida.

23.5.11 Hawnhekk kien hawn diskussjoni dwar x'se jingħad waqt il-laqgħa mal-Ministru. Kien hemm qbil li Ryan għandu jintalab jattendi. Fost oħrajn se jissemmew punti relatati ma' sigurtà, kif ukoll il-Kunsillier Agius semma' l-*bus stop* ta' Rue D'Argens minħabba li la hemm spazju għal *bus shelter* u lanqas fejn jgħaddu r-residenti.

23.5.12 Is-Sindku informa li kien se jerġa' jsemmi l-kwistjoni tal-bankina ta' Triq is-Sarġ minħabba li s-Sur Ellul tah x'jifhem li ma kienx jaf biha.

23.5.13 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Chircop kien hemm qbil li jsir suġġeriment biex flok rawndebawt dawk li jridu jduru lura lejn l-Imsida jidħlu fil-parkeġġ tal-ġnien u minn fuq l-*istop sign* u bit-*traffic lights* jaqsmu lejn fejn hemm l-istatwa tal-Madonna.

23.5.14 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Baldacchino Cefai dwar l-istatwa ta' San Ġużepp, is-SE infurmat li l-għada tal-ewwel laqgħa tagħha ma' IM dwar il-proġett, il-Perit ta' IM kien għaddielha pjanta tal-lokazzjoni tal-istatwa u hi kienet għaddietha lill-Periti tal-Kunsill. Sfortunatament mingħajr ma rrealizzat, il-pjanta li kien għaddielha l-Perit kienet dik approvata u li l-Kunsill ma kienx qabel magħha. Hija kompliet li riċentament kienet rat il-pjanta mal-Kunsillier JC Borg kif ukoll mas-Sagristan u dawn ikkonfermawlha l-lokazzjoni l-ġdid. Hija skużat ruħha li hekk kif din kienet għadha l-ewwel darba li semgħet b'din il-problema ma rrealizzatx li l-lokazzjoni li ngħatat ma kinitx dik li xtaq il-Kunsill.

## 23.6 Ingaġġ ta' Administrative Officer I (Skala 12)

23.6.1 Is-SE infurmat li ħasset il-ħtieġa li tinħareġ sejħa għall-ingaġġ ta' Administrative Officer I. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 23.7 Offerta tal-Ġabra tal-iskart Goff

23.7.1 Is-SE infurmat li se tkun qed tippubblika l-offerta tal-ġabra tal-iskart goff fil-ġranet li ġejjin.

23.7.2 Hija infurmat li sakemm il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni kienet se tniżżel li fl-istess ġabra jista' jkun hemm kemm WEEE kif ukoll skart ġenerali bħal għamara, eċċ għaliex fil-preżent qed ikun hemm ħafna sejħiet għal ġabra ta' item wieħed tal-WEEE li ovvjament il-Kunsill ikollu jħallas il-miżata kollha daqs li kieku nġabru 4 items. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-SE.

23.7.3 Is-SE infurmat li l-Kunsill seta' jikkunsidra wkoll li jnaqqas ġurnata għaliex bħalissa qed issir ġabra ħames darbiet fil-ġimgħa, aktar u aktar fid-dawl li kien hemm qbil li l-WEE jinġabar mal-iskart ġenerali. Kien hemm qbil li l-offerta tinħareġ fuq ġabra fuq erba' darbiet fil-ġimgħa iżda ssir kundizzjoni li l-Kunsill jista' jnaqqas jew iżid il-ġranet skont il-ħtieġa bl-istess rata.

23.7.4 Il-Kunsill qabel ma' dawn iż-żewġ emendi mill-offerta preċedenti.

23.7.5 Kien hemm qbil li l-persuni fuq il-bord tal-evalwazzjoni se jkunu s-Sindku, is-SE, il-Viċi Sindku, il-Kunsillier C. Borg u l-Kunsillier Baldacchino Cefai.

23.7.6 Għall-mistoqsija dwar l-appell tal-offerta tal-ġardinar, is-SE spjegat li l-Kunsill kien għażel it-tieni l-irħas offerta għaliex l-irħas offerent ma kienx issottometta work-plan kif mitlub u għaldaqstant kien ġie eskluż mill-bord tal-evalwazzjoni għaliex ma kienx compliant. Hija infurmat ukoll li sadanittant l-avukat tal-Kunsill kien ġibed l-attenzjoni tal-bord tal-PCRB li skont l-email tagħhom stess, l-appell tal-kuntrattur kien ġie intavolat erbat ijiem wara d-deadline u għaldaqstant talab biex ma jiġix milqugħ.

## 23.8 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Kunsillieri

23.8.1 Il-Kunsillier Agius talab biex issir ittra biex nirringrazzjaw lil Zammit Nurseries għall-għotja tal-pjanti għall-anzjani.

23.8.2 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier C. Borg dwar jekk intbagħtitx ir-risposta lill-KNZ, is-SE infurmat li ma kellhiex ċans iżda se tieħu ħsieb tibgħatha fil-ġranet li ġejjin.

23.8.3 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Chircop dwar jekk il-Kunsill kienx tkellem mar-Reġjun dwar il-ġabra ta' flgħaxija, is-Sindku kkonferma.

23.8.4 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Baldacchino Cefai dwar il-lista tal-korrispondenza, is-SE fakkret li kienet naqset persuna mill-istaff u li l-iskrivana li kienet tieħu ħsiebha issa qed tagħmel ukoll ix-xogħol tal-iskrivana l-oħra. Hija infurmat li sadanittant qed titħejja sistema ġdida ta' filing u għaldaqstant il-lista se tkun tista' terġa' tibda ssir aktar 'il quddiem meta l-qafas tas-sistema l-ġdida jkun ġie attwat.

## 23.9 Punti oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

23.9.1 Il-Viċi Sindku infurmat li hi kienet qed taħdem fuq l-iskedar ta' siti storiċi.

23.9.2 Il-Kunsillier Farrugia informa li kienet inżammet laqgħa mal-Health and Safety Officers u wara saret laqgħa ma' maniġer tal-IM. Huwa informa li kienu ġew diskussi diversi items differenti u uħud mill-affarijiet ittieħdet azzjoni dwarhom diġà.

23.9.3 Hawnhekk skuża ruħu l-Kunsillier Agius. Il-ħin kien is-18:40pm.

23.9.4 Il-Kunsillier Farrugia informa li l-għada kien reġa' għandu laqgħa oħra mal-Periti ta' IM.

23.9.5 Il-Kunsillier C. Borg informa li nhar it-23 ta' Novembru, il-KNZ organizzaw attività iżda kellha tiġi posposta. Huma kienu proponew xi attivitajiet għal Diċembru iżda kienu ġew mitluba jmexxuhom aktar 'il quddiem. Huwa informa wkoll li kien hemm attendenza tajba għall-attività tal-FoEM. Sadanittant kien se jiġi organizzat ukoll *workshop* dwar il-*Jewellery* u l-membri f'isem il-Kunsill kienu qed jaqblu li jsir l-Imsida.

23.9.6 Il-Kunsillier Chircop informa li kienet ġiet organizzata l-attività tat-tfal fejn għall-bidu kienet kwieta iżda mbagħad mal-ħin bdew ġejjin aktar tfal u jista' jgħid li b'mod kumplessiv kienet ta' suċċess.

23.9.7 Is-SE infurmat li minħabba li l-Milied u l-ewwel tas-Sena kienu se jaqgħu l-Ħamis, kienet qed titlob permess biex l-uffiċċju jibqa' magħluq il-Ġimgħa u s-Sibt filgħodu. Hija qalet li l-għada tal-Milied u l-għada tal-Ewwel tas-Sena rari jkun hemm residenti li jmorru jinqdew il-Kunsill u għaldaqstant kien opportun li l-amministrazzjoni tieħu break qasir. Hija fakkret li għal ġimgħatejn sħaħ, minn qabel il-Milied sal-ewwel ġimgħa ta' Jannar, il-Kunsill ma joħroġx permessi u għaldaqstant mhux se jaffetwaw lir-residenti jew kuntratturi li jkollhom bżonn ta' xi permess. Il-Kunsill qabel li l-uffiċċju jibqa' magħluq f'dawn il-ġranet. Inġibdet l-attenzjoni wkoll li l-vann m'għandux jopera f'dawn il-ġranet.

23.9.8 Is-SE infurmat li issa li x-xogħol tal-finanzi waqa' f'idejn persuna oħra, minħabba li din taħdem biss fuq 30 siegħa flok 40 siegħa fil-ġimgħa, qed issibha diffiċli biex tlaħħaq ix-xogħol tagħha, anke għaliex fadlilha xi xogħol li kellha qabel ukoll. Għaldaqstant talbet lill-Kunsill jikkunsidra li l-pagi jinħadmu minn l-accountant tal-Kunsill għal €885 fis-sena biss. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

23.9.9 Is-SE infurmat li rċeviet ittra mingħand is-Segretarju tal-Kumitat Festa Esterna fejn dawn urew ix-xewqa li jiltaqgħu mal-Kunsill.

23.9.10 Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li jinxtara *hamper* żgħir ta' ringrazzjament għall-impjegati. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil li jinxtara wieħed għall-membri kollha wkoll.

## 23.13 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

23.13.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. K9-23), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Baldacchino Cefai proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier C. Borg issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-SE.

## 23.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

23.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:10pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 20 ta' Jannar 2026 fil-5:30pm. Is-SE fakkret li fil-5:00pm kien se jkun hemm il-laqgħa pubblika. Kien hemm qbil li l-Liaison Officer jiġi mitlub jattendi iżda l-laqgħa ssir biss jekk ma jattendux nies għal-laqgħa pubblika.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Charles Selvaggi | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |